**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.8811 — IFM/CDPQ/Conmex)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2018/C 62/05)

1. Fit-12 ta' Frar 2018, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— IFM Investors Pty Ltd ("IFM", l-Awstralja),

— Caisse de dépôt et placement du Québec ("CDPQ", il-Kanada),

— Concesionaria Mexiquense, SA de CV ("Conmex", il-Messiku).

IFM u CDPQ jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Conmex kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— IFM: tiġġestixxi investimenti mad-dinja kollha bil-bażi tagħha fl-Awstralja b'assi ġestiti fl-infrastruttura, fl-ekwitajiet ikkwotati fil-borża, fil-kapital privat u fl-investimenti tad-dejn.

— CDPQ: investitur istituzzjonali Kanadiż attiva mad-dinja kollha li tiġġestixi fondi primarjament għal pjanijiet ta' pensjonijiet pubbliċi u parapubbliċi u pjanijiet ta' assigurazzjoni. Hija tinvesti fi swieq finanzjarji kbar, fl-ekwità privata, fl-infrastruttura u fil-proprjetà immobbli.

— Conmex: involuta fil-bini u t-tħaddim tal-grupp ta' toroq b'pedaġġ li jiffurmaw il-Mexiquense Beltway (Sistema Carretero del Oriente del Estado de México, magħrufa wkoll bħala Circuito Exterior Mexiquense u Vialidad Mexiquense) fil-Messiku.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulna l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8811 — IFM/CDPQ/Conmex

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.